DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/1635

tat-30 ta' Awwissu 2016

dwar il-bidu tal-proċess ta' bini ta' kapaċità u t-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana mill-Operazzjoni Militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (EUNAVFOR MED/3/2016)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2a u l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/993 ([2]) li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, daħlet l-Artikolu 2a f'dik id-Deċiżjoni bil-għan li tiżdied l-assistenza fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u fit-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana f'kompiti ta' infurzar tal-liġi fuq il-baħar, b'mod partikolari biex jiġu evitati l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u t-traffikar tal-bnedmin, bħala kompitu ta' appoġġ għall-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA.

(2) Skont l-Artikolu 2a(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, meta l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jiddeċiedi li jkunu twettqu t-tħejjijiet meħtieġa, b'mod partikolari dwar il-ġenerazzjoni tal-forzi u proċeduri ta' skrutinju għall-apprendisti, EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tassisti fl-ibħra internazzjonali, fiż-żona ta' operazzjoni miftiehma tagħha, fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u fit-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana f'kompiti ta' infurzar tal-liġi fuq il-baħar, b'mod partikolari fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u t-traffikar tal-bnedmin.

(3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE assigura lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà li twettqu t-tħejjijiet meħtieġa sabiex jibda dak il-kompitu ta' appoġġ.

(4) Għalhekk l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tiġi awtorizzata biex tibda, fiż-żona ta' operazzjoni miftiehma tagħha, tassisti fil-bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana u fl-ibħra internazzjonali kif previst fl-Artikolu 2a tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tibda, fiż-żona ta' operazzjoni miftiehma tagħha, tassisti fil-bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana u fl-ibħra internazzjonali kif previst fl-Artikolu 2a tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778.

([1]) ĠU L 122, 19.5.2015, p. 31.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/993 tal-20 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin- Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (ĠU L 162, 21.6.2016, p. 18).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Awwissu 2016.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS